# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Mejjeu 2002

Citazzjoni numru 979/98 AJM

Kawza numru

David Bonett

Vs

Carmelo Borg u martu Mary Grace

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-12 ta' Mejju 1998 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li favur tieghu jezisti kreditu dovut mill-konvenuti Carmelo Borg u martu Mary Grace u liema debitu u cert, likwidu u skadut u kontra din it-talba ghal hlas tal-istess kreditu ma tezisti l-ebda eccezzjoni la legali u lanqas fuq il-fatti; illi dan il-kreditu jammonta ghal LM7,500 rappresentanti ammont dovut fuq kambjala ffirmata u skaduta fil-31 ta' Dicembru 1997 kif jirrizulta ukoll minn skrittura privata bejn il-kontendenti datata 1 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dr. John Patrick Hayman; illi ghal dan il-kreditu hija applikabbli c-citazzjoni

sommarja bid-dispensa tas-smigh u dana skond l-artikolu 167 tal-Kap 12; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-istess konvenuti Carmelo Borg u martu Mary Grace ghall-hlas tas-somma ta' LM7,500 rappresentanti ammont dovut fuq kambjala ffirmata u skaduta fil-31 ta' Dicembru 1997, kif jirrizulta wkoll minn skrittura privata datata 1 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman u dana bid-dispensa tas-smigh skond kif provdut fl-artikolu 167 tal-Kap 12.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti Carmelo Borg u martu ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 1998 li permezz tieghu l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fil-21 ta' Lulju 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. In-nullita tac-citazzjoni stante li mart David Bonett mhiex parti fil-kawza.
2. Illi l-kambjala li kopja taghha hija ezebita bhala Dok A hija nulla u bla effett stante illi mhiex iffirmata mill-attur u f'kull kaz mis-somma mitluba mill-attur l-ammont dovut hu ta' LM5,000 biss u d-differenza bejn l-ammont mitlub u dak ammess bhala dovut jirrapresenta uzura u ghalhekk mhux dovut u wisq anqas ezigibbli.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat is-sentenza taghha tal-20 ta'Jannar 1999 meta giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, liema sentenza giet sussegwentement konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 li cahdet l-appell u rrimettiet l-atti li din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' Marzu 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Bi skrittura privata ta' l-ewwel ta' Settembru 1997 redatta quddiem in-Nutar John Patrick Hayman il-konvenuti konjugi Borg "*iddikjaraw irwiehom cert u likwidu debituri a favur ta' David Bonett ....... li jaccetta u dana versu s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira maltin (LM7,500) liema somma tirrapresenta diversi somom mislufin qabel llum, liema somma d-debituri jobbligaw irwiehom li jhallsu sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena korrenti (1997) minghajr interessi.*" Fl-istess skrittura saret referenza ghall-kambjala li kienet qed tigi ffirmata dak inhar stess "*bhala garanzija ghall-pagament odjern tas-somma dovuta".*

Giet ezebita fl-atti kopja tal-kambjala in kwistjoni li tirrizulta iffirmata mill-konvenuti izda ma tidher ebda firma ta' l-attur.

Fit-12 ta' Mejju 1998 gew istitwiti dawn il-proceduri mill-attur kontra l-konvenuti billi, skond ma jghid l-attur, dawn qatt ma hallsu lura ebda ammont indikat fl-iskrittura - anzi meta saru pagamenti permezz ta' cekkijiet dawn ma gewx onorati mill-Bank u dejjem gew ritornati lill-attur bl-indikazzjoni "refer to drawer".

Il-konvenuti resqu tlett eccezzjonijiet. L-ewwel wahda ta' natura prcedurali minhabba n-nuqqas ta' presenza ta' mart l-attur f'dawn il-proceduri, giet determinata, anke fi stadju ta' l-appell, billi tali eccezzjoni giet michuda. Kull ma fadal x'jigi determinat issa huma z-zewg eccezzjonijiet l-ohra moghtija mill-konvenuti u cioe (a) dik dwar in-nullita' tal-kambjala billi tonqos il-firma tal-istess attur, u (b) l-eccezzjoni tal-uzura.

Il-konvenuti ma resqu ebda prova billi, minkejja diversi differimenti ghal dan il-ghan, huma jew ma attendewx jew naqsu li jharrku x-xhieda rikjesti. Kien ghalhekk li fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2002 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

a) **Dwar nullita' tal-kambjala.**

Huwa minnu li l-kambjala ffirmata fl-1 ta' Settembru 1997 ma ghandhiex il-firma tal-attur. Dan huwa nuqqas serju billi l-firma tad-"drawer" hija parti essenzjali ta' tali dokument kif jinghad fl-artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc. Dan in-nuqqas jgieb in-nullita' tal-kambjala, izda tali nullita' bl-ebda mod ma teffettwa dawn il-proceduri li huma stitwiti mhux biss a bazi ta' din il-kambjala izda ukoll in bazi tal-iskrittura ta'

kostituzzjoni ta' debitu ta' l-1 ta' Settembru 1997 li hija l-bazi tal-azzjoni attrici stante li l-istess kambjala, kif sewwa jinghad fl-iskrittura, serviet biss bhala "garanzija ghal hlas tal-ammont dovut". Ghalhekk ghalkemm din l-eccezzjoni ghandha fondament xorta wahda ma teffetwax d-decizjoni fil-mertu.

b) **Uzura.**

Il-konvenuti ukoll qed isostnu fl-eccezzjonijiet taghhom li hemm element ta' uzura billi l-ammont realment dovut kien ta' LM5000 u mhux LM7,500. Dwar din l-eccezzjoni l-konvenuti ma resqu ebda prova u ghalhekk ma tistax tigi kunsidrata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li taghmel referenza gahs-sentenza preliminari tal-20 ta' Jannar 1999, konfermata fl-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999; tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti billi tidikjara nulla l-kambjala in kwistjoni b'dana li din id-dikjarazzjoni ma teffettwa bl-ebda mod l-akkoljiment tat-talba attrici nkwantu din hija bazata ukoll fuq skrittura privata kif fuq inghad; tichad it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti; u billi t-talba attrici tirrizulta sodisfacjentement pruvata, tilqa' l-istess talba attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' sebat elef u hames mitt lira maltin (LM7,500) bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1998 stante li sa l-ahhar ta' Dicembru 1997 ma kienx dovut imghax.

Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk tas-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar 1999, tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru 1999, u tal-presenti sentenza, kontra l-konvenuti.